# Il-Ħamrun, fejn bejn il-Providenza Divina u l-Erwieħ twajba Maltin, hemm xi Rabta



minn Horace Muscat,
President Onorarju Għaqda tal-Mużika San Gejtanu

Għad li Ħamrun skond l-istorja u kif ukoll skond fdalijiet li nstabu ilu jezisti sekli kbar, kien biss fl-1 ta' Diċembru 1881 li sar parroċċa, iddedikata lil San Gejtanu l-Qaddis tal-Providenza u providenzjalment jidher li kważi kull wieħed mill-erwieħ twajba tal-Gzejjer tagħna għandu xi konnesjoni, dirett jew indirett mal-poplu tiegħu, għad li mhux imwielda jew mgħammda ġewwa l-Ħamrun, kif sejrin naraw.

## Il-Beatu



Dun Ġorġ Preca, li għamel l-ewwel Tqarbina, Griżma ta' l-Isqof, Qaddes l-Ewwel Quddiesa fil-Milied ġewwa il-Parroċċa ta' San Gejtanu, waqqaf l-Għaqda tat-Tagħlim Nisrani magħrufa aktar bħala il-M.U.S.E.U.M. ġewwa l-Ħamrun, illum magħruf Qasam Numru Wieħed, għex għal snin twal quddiem il-Knisja Parrokkjali San Gejtanu sakemm bla mistenni kellu jmur jabita ġewwa lokal ieħor, għax inxtrat id-dar li kien fiha, u mar joqgħod Santa Venera, f'dar jisimha San Gejtanu, fejn miet, biss kien Presente Cataveru ġewwa il-Parroċċa San Gejtanu, fejn in-nies ġew minn kull rokna tal-Gzejjer Maltin. Il-Quddiesa Funebri saret ġewwa l-istess Parroċċa tagħna. L-art fejn hija mibnija l-Kappella dedikata lil Madonna Mirakuluża kienet ġiet offruta lil Kunsill Civiku biex minflok Ċimiterju jsir Ġnien u Playing Field xi ħaġa li l-Kunsill b'arranġament ċediha

lis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. li laħqet tlestiet sa mewtu, kif ukoll kripta fejn ġie mitfun.

Illum il-fdalijiet tiegħu jinsabu ġewwa din il-Knisja fil-Ħamrun, fl-opinjoni fqira tiegħi, ħafna simili ta' kif jinsabu il-fdalijiet ta' San Gejtanu ġewwa Napli, Bażilika San Paolo de San Gaetano.

Permezz ta' tabib Ħamruniż li kien jieħu ħsiebu, Dr. Lawrence Spiteri minn demm tiegħu llum hemm Relikwa bih fil-Kappella u oħra fil-Knisja tal-Patrun tagħna San Gejtanu.

Id-data 9 ta' Mejju hija l-ġurnata fis-sena dedikata lilu.

## Il-Beatu Nazju Falzon



Skond informazzjoni li għandi l-istatwa li hemm tiegħu saret wara li l-ewwel President ta' Għaqda tal-Mużika San Gejtanu qala' grazzja fuq it-tifel tiegħu li b'wegħda għamel l-Istatwa li tinsab fis-sagristija. Dan ma kien ħadd ħlief is-Sur Gravino Portelli li serva wkoll President Onor. ta' l-Għaqda tal-Mużika San Gejtani kif ukoll għal xi żmien kien President tal-Soċjetà San Giuseppe qabel twaqqfet l-Għaqda San Gejtanu fl-24 ta' Ġunju 1906 (MALTA 27 Gunju 1912). Però kemm il-Patrijiet Franġiskani ta' Ġiesu l-Belt kif ukoll Mons. Philip Calleja Postulatur tal-Kawża tiegħu meta kellimtu kif ukoll għaddejtlu din l-informazzjoni, l-artist li semmewli li min għamel din l-Istatwa l-anqas sa meta saret ma kien twieled, nispera li xi darba tiġi konfermata.

1 ta' Lulju hija ġurnata dedikata għalih.

## Beata Suor Maria Adeodata Pisani



Jingħad li familjari tagħha jeżistu ġewwa l-Ħamrun, biss jiddispjaċini ma għandix informazzjoni biżżejjed biex wieħed jikteb xi informazzjoni.

Jum il-25 ta' Frar huwa dedikat lil din il-Beata.

## Venerabbli



Din il-Venerabbli Adelaide Cini bniet il-konservatorju Cini dedikat lill-Qalb ta' Ġesù meta l-Ħamrun kien għadu mhux Parroċċa fis-sena 1864 f'numru 299 Triq il-Kbira San Giuseppe, ġie imkabbar f'1904 biex minflok 84 tifla sar jistgħu fih joqgħodu 100 ruħ. Kienu jieħdu ħsiebu s-Sorijiet ta' San Vincenz de Pauli.

Adelaide Cini mietet meta l-Ħamrun kien parroċċa fis-sena 1885, u fejn huwa l-Istitut kien parti integrali mill-Ħamrun, għalkemm illum huwa parti minn Santa Venera issa fil-preżent biddel il-missjoni tiegħu, minflok iltiema hemm nisa u tfal li jkollhom problemi matrimonjali, biss għadu b'isem tal-Qalb ta' Ġesù kif għamlitu hi taħt id-dedikazzjoni tal-Qalb ta' Ġesù.

Kull 25 ta' Frar huwa dedikat għaliha.

## Serv ta' Alla

Nibdew minn Eugenio Borg, li kien l-ewwel persuna ma' Dun Ġorġ Preca fit-Twaqqif ta' Soċjetà tad-duttrina M.U.S.E.U.M. Jien niftakru joqgħod kważi bieb ma' bieb mal-Lega li miн għandu l-età tiegħi u kien il-Lega jiftakar li kien jiġi jagħmel il-Lezzjoni nhar ta' Sibt, kif ukoll għal dawk ikbar minni, kien raġel eżemplari ħafna u kelma li jispjega kienet tfisser ħafna u tqanqlet ħafna anke ta' tfal li konna meta xi drabi jispjega fuq il-mewt u kruha tad-dnub ġieli jekk mhux niżbalja kien jagħmel ras ta' mewt fuq il-mejda li ta' tfal li konna għad mhux xi ħaġa li tpaxxiek biss konna ma nistkerħuha xejn.



Jien niftakru li meta dħalt it-tarzna kien għadu jaħdem fil-Funderija, għad li sengħa li kelli jien ma tantx kont immur hemm, biss ġieli mort, u jekk ma niżbaljax ġieli waqt il-break ta' nofs inhar attendejt għal xi taħdita tiegħu li kien jagħmlu tal-M.U.S.E.U.M. ġewwa id-Dockyard. Wieħed ma jridx iħalli barra li Ġenju, kif kien magħruf l-aktar, kien l-ewwel Superjur Ġenerali mit-twaqqif ta' Soċjetà tad-Duttrina M.U.S.E.U.M.

Nhar 12 ta' Marzu huwa dedikat għalih.

Mons. Joseph De Piro M.S.S.P. Dan wara li ġie ordnat Saċerdot fil-Bażilika tal-Lateran fil-15 ta' Marzu 1902, wara ftit żmien, eżatt 1907, u ntgħażel Direttur ta' l-Istitut Fra Diegu sas-sena 1919.



Fis-sena 1922 kellu d-direzzjoni ta' Dar ta' San Giusepp jew kif huwa magħruf l-Istitut ta' Bonnici. Fis-sena 1925 id-dar taċ-ċkejknin, it-tnejn issa sar parti minn Santa Venera.

Jingħad li miet wara li ħassu ħażin fuq l-altar tal-Parroċċa San Gejtanu waqt il-festa tad-Duluri ċċelebrata fil-parroċċafis-17 ta' Settembru 1933

Is-Sbatax ta' Settembru huwa dedikat għalih.

Suor Tereza Nuzzu hija wkoll marbuta mal-Ħamrun billi kienet bdiet bi skola ta' tfal, wara bdew jippreparaw it-tfal għal l-Ewwel Tqarbina u Griżma ta' l-Isqof, fi tfuliti kienu naħseb l-iktar ġewwa il-Ħamrun li kienu jippreparaw lit-tfal għal dan b'dedikazzjoni, jien bħal ħafna tfal oħra niftakar li ma' dawn is-sorijiet għamilt il-Preċett u l-Griżma.

Naf żgur li l-Lega ma kienx hemm preparazzjoni għal dawn is-sagramenti. Wara llum din l-ordni tas-Sorijiet kibret sewwa kemm f'diversi lokalitajiet fil-gżejjer tagħna kif ukoll hija mxerrda ma' diversi pajjiżi fl-Ewropa, Asia u anki Afrika. Jekk għandi memorja tajba milli qrajt fuq dawn is-sorijiet, dawn iktar huma magħrufa tal-Qalb ta' Ġesù.

L-aħħar tnejn li għadhom kif intbagħat kull document is-Santa Sede biex jistgħu jibdew il-kawżi tagħhom.

Hekk rajna li l-maġġoranża ta' dawk kollha li għad jasal żmien li jkunu mogħlija għad-devozzjoni u qima mill-Insara Kattoliċi kollha romani mad-dinja.

Ma tkunx xi ħaġa kbira wkoll li magħhom jiżdied Saċerdot ieħor li għal snin serva wkoll lill-poplu Ħamruniż. Dan ma huwa ħadd ħlief Dun Edgar Gatt li hawn devozzjoni kbira lejh. Naf li l-mibkija għażiża ommi kellha devozzjoni kbira lejh u kienet speċjalment meta xi ħadd minnha kien jagħmel xi eżami hawn il-lejl kien jinspira bir-riżultat.

Issa jien għalija dan kollu huwa kemm hija kbira l-Providenża Divina. Biss ma tistax b'xi mod ma torbothiex mal-Patrun tagħna l-Ħamruniżi San Gejtanu.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd u nagħlaq billi nkanta "San Gejtanu ibqa' magħna" kif inkantaw fl-innu tiegħek.

Viva San Gejtanu